



Brussell, 24 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14330/16

Fajls Interistituzzjonali:
2016/0297 (NLE)
2016/0298 (NLE)

COLAC 98
RELEX 940

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-Amerika Latina u l-Karibew
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12495/16 + ADD1, 12497/16 + ADD1 and 12505/16
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra - Adozzjoni u Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 697/96 dwar Kuba - Adozzjoni

1. Fit-22 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat it-testi li ġejjin lill-Kunsill:
 - i. Proposta Konġunta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra (dok. 12495/16 COLAC 71 CFSP/ PESC 748 + ADD 1); u
 - ii. Proposta Konġunta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra (dok. 12497/16 COLAC 72 CFSP/ PESC 749 + ADD 1).

Fl-istess jum, is-SEAE bagħat dan li ġej lill-Kunsill:

- iii. Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 697/96 dwar Kuba (dok. 12505/16 COLAC 77 RELEX 783 CFSP/ PESC 754).
2. Dawn it-testi ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Amerika Latina u l-Karibew (COLAC) f'diversi laqgħat f'Settembru u f'Ottubru 2016 u ġew sussegwentement approvati. Fir-rigward tat-test li jħassar il-Pożizzjoni Komuni, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) rah fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Novembru 2016 u ta l-approvazzjoni politika tiegħu, u l-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) rah u approvah fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Novembru 2016.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni proposta dwar l-iffirmar tal-Ftehim imsemmi, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 12501/16 COLAC 74 CSP/PESC 751, flimkien mat-test tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 12504/16 COLAC 76 CFSP/PESC 753, u d-Deċiżjoni proposta li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 697/96 dwar Kuba, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 12509/16 COLAC 79 RELEX 785 CFSP/PESC 756.
4. Barra minn hekk, bil-ħsieb tat-tħejjija tal-konklużjoni futura tal-Ftehim imsemmi, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden ukoll jirrakkomanda li l-Kunsill jiddeċiedi, bħala punt "A" fl-istess laqgħa, li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 12502/16 COLAC 75 CSP/PESC 752, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
5. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, flimkien mat-test tal-Ftehim, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 697/96 dwar Kuba ser jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali f'konformità mar-regoli applikabbli.